dejjem

*Kreattiv, Innovattiv, Professjonali*

**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**

**Kulleġġ Maria Regina**

**Sena Skolastika 2014/2015**

| **Ir-Raba' Sena** | **Malti (Il-Qari u l-Kitba)** | **Ħin: Siegħa u kwart** |
|---|---|---|

L-isem: ___________________________________

Il-klassi: ___________________________________

L-iskola: ___________________________________

| | **Il-Qari u l-Kitba** |
|---|---|
| **Il-marki għat-taqsima** | **60 marka** |
| **Il-marki tal-istudent/a** | |

**Għall-istudent/a:**

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek u kunjomok, l-isem tal-klassi u tal-iskola.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

IL-FEHIM MILL-QARI

## A. Aqra dan l-avviż

**Ħaxix Frisk**



Se jiftaħ ħanut ġdid tal-ħaxix fi Triq il-Kbira, il-Qawra.

Il-ħanut se jkun miftuħ kuljum bejn id-disgħa ta' filgħodu u t-tmienja ta' filgħaxija.

F'dan il-ħanut issibu kull xorta ta' ħaxix frisk għall-bejgħ bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd.

Jekk tonfoq aktar minn €20 nwasslulek ix-xirja d-dar b'xejn.

Narawkom!



**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-avviż li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

1. Ikteb **veru** jew **falz**: *(2 marki)*
   a. Il-ħanut jiftaħ nhar ta' Ħadd. _________
   b. Kull min jixtri mill-ħanut iwasslulu x-xirja d-dar b'xejn. ________

2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa tal-lemin. *(2 marki)*

   a. Il-ħanut se jiftaħ

| | |
|---|---|
| Mis-sebgħa ta' filgħodu | |
| Mit-tmienja ta' filgħodu | |
| Mid-disgħa ta' filgħodu | |

   b. Il-ħanut qiegħed

| | |
|---|---|
| Il-Qawra | |
| Il-Mellieħa | |
| In-Naxxar | |

3. Taħseb li dan il-ħanut se jbiegħ il-ħaxix bi prezz għoli? Għaliex? *(2 marki)*

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Semmi erba' tipi ta' ħaxix li tista' ssib f'dan il-ħanut. *(4 marki)*

_______________ _______________

_______________ _______________

**B. Aqra sew din l-istorja *Werqa Tursina***

Dan il-bniedem li se nitkellem fuqu ma nneħħieh qatt minn quddiem għajnejja. Niftakru dejjem bil-qiegħda fuq kaxxa tal-luminata tal-injam, ibigħ it-tursin, il-bżar aħmar, nagħniegħ, merqtux, fjuri, boroż tal-bebbux u affarijiet ċkejknin oħra bħal dawn. Ħdejh kien ikollu rota minn dawk tal-pulizija li m'għadhomx jagħmlu bħalhom, miżbugħa sewda iżda mibruxa u ħafna bnadi bis-sadid. Kien ikun imdawwar bl-ixkejjer tal-faxx u ħafna spag u imbarazz ieħor, donnu jagħtik x'tifhem li għandu ħafna aktar x'ibigħ milli fil-fatt kien ikollu. ***(Par. 1)***

Kien raġel twil u dejjem kont tistħajlu xi ġgant minn tal-ħrejjef. Kien jilbes xi qalziet tal-kaki minn dawk il-ħoxnin, sajf u xitwa. Minflok b'xi ċinturin kien jaqfel b'xi biċċa qafla li kien isib f'idejh u ma kienx jiddejjaq itella' l-qalziet darbtejn, tlieta sakemm ibigħ ftit tursin. Peress li kellu żaqqu ħoxna, il-qalziet dejjem kien jinżillu 'l isfel. La kien jilbes sandli u lanqas żarbun. Dejjem ħafi fis-sħana u fil-bard. Saqajh kienu draw il-ħefa għax kienu rabbew qoxra eħxen minn tal-iljunfanti. ***(Par. 2)***

L-aktar li niftakar imnieħru. Kellu imnieħer kbir ħafna tant li n-nies kienu jgħidu li kien ibati minn marda li tkabbar l-imnieħer. Imnieħru kien dejjem iqattar u dan biss kien idejjaqni fih. Ma kien ikellem u jidħaq lil ħadd, iżda jekk tieqaf tixtri ftit basal għall-pikles jew xi żewġ werqiet randa tgħidx kemm kont issibu dħuli. Kien bdiedem onest u jgħix b'dak li tagħtih in-natura. Żgur li qatt ma kien ifittex ballijiet. ***(Par.3)***

Miet b'daqqa ta' trakk meta kien sejjer lura jinġabar f'daru darba waħda filgħaxija. Ngħid għalija meta ngħaddi minn quddiem ir-rokna ta' fejn is-soltu kien jintasab ibigħ, dejjem inġibu quddiem għajnejja. Kien karattru kkulurit, magħġun ħaġa waħda mal-ambjent li twieled fih. ***(Par. 4)***

***

## 1. Immarka b'salib (X) fil-kolonna t-tajba **(5 marki)**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| **Eżempju** | **L-awtur jiftakar lil bejjiegħ tat-tursin dejjem bil-qiegħda fuq kaxxa tal-luminata tal-injam.** | X | |
| **a.** | Kien raġel qasir u oħxon. | | |
| **b.** | Miet b'daqqa ta' trakk | | |
| **ċ.** | Il-bejjiegħ kellu widnejh kbar | | |
| **d.** | Ir-raġel kien bniedem onest | | |
| **e.** | Kien ikellem u jidħaq lil kulħadd | | |

## 2. Aqta' sing taħt il-kelma t-tajba **(5 marki)**

**Eżempju:** L-awtur ma seta' jinsa qatt lill-bejjiegħ (**<u>tat-tursin</u>**, tal-luminata, tal-laħam).

a. Ħdejh kien ikollu rota (bajda, tleqq, mibruxa).

b. Kien jaqfel il-qalziet (b'ċinturin, b'qafla, b'ħabel oħxon).

c. Kien ikun imdawwar (bil-fliexken tal-ħġieġ, kaxxi tal-injam, xkejjer tal-faxx).

d. L-awtur kien jiddejjaq għax il-bejjiegħ kien ikollu mnieħru (aħmar, iqattar, mgħawweġ).

e. Saqajh kienu rabbew qoxra ħoxna għax kien ikun dejjem jiġri (biż-żarbun, bil-kalzetti, ħafi).

**3. Qabbel it-tifsira** **(marka X 4)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | ma nneħħieh qatt minn quddiem għajnejja | | imur lura d-dar |
| **b.** | jagħtik x'tifhem | | mingħajr zarbun |
| **ċ.** | il-ħefa | | iġiegħlek taħseb |
| **d.** | jinġabar f'daru | | qatt ma fittex lussu |
| **e.** | qatt ma kien ifittex ballijiet | **a.** | niftakar fih |

**4. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet billi tfittex it-tweġiba fl-istorja mill-paragrafi msemmija.**

a. X'kien jagħmel il-karattru deskritt fis-silta? *(Par. 1)*

______________________________ **(marka)**

b. X'kien jistħajlu l-kittieb? *(Par. 2)* **(2 marki)**

______________________________

______________________________

c. Taħseb li r-raġel imsemmi fis-silta kien raġel sinjur? Agħti żewġ raġunijiet għaliex taħseb hekk? *(Par. 3)* **(3 marki)**

______________________________

______________________________

______________________________

## IL-KITBA

## A. GRAMMATIKA

**1. Aqra dawn is-sentenzi u wara wieġeb il-mistoqsijiet. L-ewwel waħda lesta.**

Ruth u Jake ħarġu fil-ġnien tan-nannu. Il-ġnien tan-nannu kbir ħafna u tgħidx kemm għandu fjuri sbieħ. Hemm siġra tal-larinġ kif ukoll tal-lumi.

| | | |
|---|---|---|
| a. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom proprju**. | Ruth |
| b. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom fil-plural**. | |
| ċ. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom fil-femminil**. | |
| d. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom fil-maskil**. | |
| e. | Mis-sentenzi sib u ikteb **aġġettiv**. | |

(marka X 4)

**2. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

| | | |
|---|---|---|
| a. | Daħħal l-artiklu t-tajjeb (L-/Il-/Iġ-). | _____ ġara tħobb tgerger. |
| b. | Daħħal l-artiklu t-tajjeb (is-/l-i/il-). | Dalwaqt tispiċċa _____ skola. |
| ċ. | Il-kelma li nużaw biex infissru grupp ta' basal. | Xtrajt __________ basal m'għand tal-ħaxix. |
| d. | Ikteb l-Imperfett/Preżent ta' qabeż. | Jien ___________ il-ħabel. |
| e. | Ikteb il-Perfett/Passat ta' feraħ. | Oħti ___________ ħafna. |
| f. | Ikteb l-Imperattiv/Kmand ta' żifen. | ___________ żifna. |

(marka X 6)

**B. 1. Ikteb reklam biex tibda tbigħ Xarba tal-Lumi.** **(3 marki)**

**Dawn il-kliem jistgħu jgħinuk biex tikteb ir-reklam tiegħek.**

- X'inhu l-**isem** tal-ħanut u **x'se tbigħ**?
- **Fejn** jistgħu jsibuk?
- Se toffri xi **offerti** speċjali?
- **Meta** se tiftaħ u kif jistgħu **jikkuntatjawk**?



2. Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti sabiħ ikteb GĦAXAR SENTENZI fuq

**WIEĦED** minn dawn it-titli: (17-il marka)

**a. Dik ħolma!**

Tista' tgħid fost ideat oħra: *Fejn kont rieqed? Xi ħlomt? Kif ħassejtek? Iddeskrivi dak li rajt u smajt. X'ġara meta qomt?*

**b. Meta sirt inviżibli għal ġurnata.**

Tista' tgħid fost ideat oħra: *Kif ġrat? Min kien hemm miegħek? X'rajt? X'ġara? Kif erġajt sirt normali?*

**ċ. Ġurnata mal-kuġini.**

Tista' tgħid fost ideat oħra: *Meta ltqajtu? X'għamiltu? Fejn mortu? Ġara xi ħaġa mhux tas-soltu? Kien hemm xi sorpriża ?*

**d. Ħares lejn dawn l-istampi. Agħti titlu lill-istorja u ikteb għaxar sentenzi biex tirrakkonta dak li ġara.**

Tista' tgħid fost ideat oħra: *Xi staġun kien? Kif kien it-temp? Fejn kienu t-tifel u l-kelb ? Xi ġralu l-kelb? Kif ħassitha l-mara? Kif spiċċat l-istorja?*



**Tista' tuża dan l-ispazju biex tagħmel pjan għall-kitba tiegħek.** **(2 marki)**

**TITLU: ________ (Ikteb a, b, ċ jew d)** **(15-il marka)**

**Tmiem il-karta**